MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Rikors Numru. 56/2004/1

Rikors Nru: 56/2004

Vella Josephine

Vs

Said Dudley Ward Lawrence, Avukat Dr. Peter Caruana Galizia bhala mandatarju tal- assenti Gwendolyn Vincot, u l- Avukat Dottor Philip Manduca bhala mandatarju tal- assenti Denis Sanguy

Il- Bord,

Ra r- rikors ta' Josephine Vella fejn tesponi b' rispett:

Illi hija tikri minn ghand l- intimati, fil- qualita' taghhom predetta, il- hanut numru 269, Triq San Pawl, Valletta, bil-

kera ta’ Lm60 fis- sena, jithallas semestralment bil- quddiem, l- ewwel skadenza fil- 15 ta’ Awissu 2004.

Illi l- intimati kienu interpellaw lill- esponenti li ma kienux behsiebhom igedd l- lokazzjoni tal- hanut fl- iskadenza tal- 15 ta’ Awissu 2004, jekk m’ hux bil- kera ta’ Lm 400 fis- sena.

Illi l- esponenti informat lill- intimati li ma kienitx taccetta dak l- awment ta’ kera.

Illi l- esponenti ghamlet diversi xogholijiet interni fil- hanut biex immiljoratu u jkun efficenti, u li spejjez, li jigu pruvati wat it- trattazzjoni tal- vertenza, hargihom kollha hi.

Ghaldaqstant l- esponenti titlob bir- rispett li dan il- Bord joghgbu jiffissa l- kera gust tal- lokazzjoni tal- imsemmi hanut, u l- kondizzjonijiet l- ohra tal- lokazzjoni jibqghu inalterati minn l- iskadenza li jmiss.

Ra li l- intimati kkontestaw it- talba.

Ra d- digriet tieghu tal- 1 ta’ Dicembru 2004 li bih gew mahtura periti teknicli l- AIC Frederick Valentino u l- AIC John Sciberras.

Ra r- relazzjoni ta’ l- imsemmija periti.

Ra l- verbal tat- 13 ta’ Gunju 2005.

Ra l- atti u d- dokumenti kollha.

Billi gew prezentati xi dokumenti wara r- relazzjoni taghhom il- Bord ikkonsulta ruhu mal- periti li assigurawh li waqt l- access huma gew murija l- miljoramenti maghmula mill- kerrejja Vella u haduhom in konsiderazzjoni fl- istima taghhom.

Billi mir- rapport tal- periti l- kera xierqa ghal lum li ma teccedix b’ aktar minn erbghin fil- mija (40%) il- kera li bih kien mikri jew seta kien mikri l- fond fis- sena 1914 hi ta’ Lm 204, jiffissa l- kera fl- ammont ta’ Lm204 fis- sena

pagabbli kull sitt (6) xhur bil- quddiem mill- 15 ta’ Awissu 2004 bil- kondizzjoni li x- xoghol ta’ manutenzjoni ordinarja ikun a karigu tal- kerrejja u xoghol iehor ikun a karigu tas- sidien; spejjez bin- nofs bejn il- partijiet. Ir-relazzjoni tal- periti tghamel parti shiha minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------